# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 23 ta' Mejju 2001

Citazzjoni numru 491/99 AJM

Kawza numru

Fal-Con Ltd.

Vs

Carmelo Ciappara

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-24 ta' Frar 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li l-konvenut huwa veru, cert u likwidu debitur tal-attur fis-somma ta' elf tmien mija u hamsa u hasmin lira maltija (LM1,855), prezz ta' materjal lilu supplit; illi ghalkemm interpellat ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti; illi fil-fehma tal-attur il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet xi jgib ghat-talbiet skond l-anness affidavit presentat ai termini ta' l-artikolu 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; talab li din il-Qorti:-

1. tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tiddikjara lill-konvenut veru, certu u likwidu debitur tal-attur fis-somma ta' LM1,855 prezz ta' materjal lilu supplit.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mill-24 ta' Novembru 1994 kontra l-konvenut mil-lum ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u l-affidavit tal-attur.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Gunju 1999 meta l-konvenut inghata l-fakolta' li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-5 ta' Lulju 1999 li permezz taghha eccepiuxxa:-

1. Il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;
2. Il-pagament stante illi hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-eccipjent hallas lis-socjeta' attrici tal-materjal lilu fornit.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Marzu 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F'dawn il-proceduri l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat jhallsu s-somma ta' LM1,855 rappresentanti prezz ta' materjal lilu supplit. Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali a termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi li l-azzjonijiet ghal hlas ta' kull kreditu iehor (cioe mhux wiehed imsemmi fil-paragrafi (a) sa (e) tal-istess artikolu) li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin.

Mid-dokumenti ezebiti mill-attur u senjatament id-'delivery notes' u l-istatement a fol 72 tal-process jirrizulta li l-ahhar konsenja li saret lill-konvenut kienet fit-12 ta' Marzu 1993. Il-proceduri odjerni gew istitwiti fl-24 ta' Frar 1999 u konsegwentement jidher prima facie li l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi akkolta billi ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta' l-ahhar konsenja sal presentata tac-citazzjoni.

Izda jirrizulta li fis-17 ta' Settembru 1994 il-konvenut iffirma kambjala favur tas-socjeta' attrici ghall-ammont ta' indikat fic-citazzjoni. Fuq din il-kambjala kienu gew istitwiti proceduri mis-socjeta' attrici kontra l-konvenut fit-8 ta' Jannar 1996. Izda b'sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-5 ta' Ottubru 1998, wara li l-kambjala giet dikjarata nulla inkwantu kien jonqos il-firma tas-socjeta' attrici, s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, li kienet laqghet it-talba attrici, giet revokata.

Illi kif sewwa osservat l-Onorabbli Qorti ta'l-Appell fis-sentenza fuq imsemmija, kambjala dikjarat nulla minhabba xi difett fil-forma, tista' jkollha l-effett ta' obbligazzjoni semplici, ta' natura civili jew kummercjali, naxxenti mid-dikjarazzjoni li tinsab fuq l-istess kambjala u li tkun tammonta ghar-rikonoxximent tad-debitu.

Illi l-kambjala (difettuza) giet iffirmata fis-17 ta' Settembru 1994 u ghalhekk l-obbligazzjonijiet naxxenti minnha rizultat tar-rikonxximent tad-debitu, kienu ghadhom vigenti meta gew istitwiti dawn il-proceduri billi l-effett ta' dik id-dikjarazzjoni ghandu validita' ghall-hames snin. L-azzjoni odjerna ghalhekk giet istitwita tempestivamet.

Jigi rilevat ghal kull buon fini li l-provedimenti ta' l-artikolu 2132 tal-Kap 16 relattivi ghall-interuzzjoni tal-preskrizzjoni b'talba gudizzjarja u l-effetti fuq tali interruzzjoni meta jkun hemm cahda tat-talba, huma hawn ghal kollox irrilevanti billi l-obbligazzjoni naxxenti mill-iffirmar tal-istess kambjala kienet ghadha vigenti meta gew istitwiti dawn il-proceduri. It-termini hemm imsemmija (ara para 2 tal-istess artikolu) ghalhekk ma japplikawxa ghal kaz sotto ezami.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri